

31997L0010

L 68/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.3.1997

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/10/KE**tas-26 ta' Frar ta' l-1997****li taddatta għall-progress tekniku għat-tielet darba l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (CMRs)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju ta' l-1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/55/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2a tagħha, introdott permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 89/678/KEE ⁽³⁾,

Billi l-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, adottaw id-Deċiżjoni 90/238/Euratom, KEFA, KEE ⁽⁴⁾ dwar pjan ta' azzjoni mill-1990 sa l-1994 fil-kuntest tal-programm "Ewropa kontra l-Kanċer";

Billi d-Direttiva 94/60/KE ⁽⁵⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li temenda għall-erbatax-il darba d-Direttiva 76/769/KEE ipprojbixxiet b'ċerti eżenzjonijiet, il-marketing għall-użu mill-pubbliku ġenerali, sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeniċi u tossiċi għar-riproduzzjoni f'kategoriji 1 jew 2 (CMRs) billi żiedet sustanzi bħal dawn fl-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE;

Billi l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE diġà kien fiha sustanzi kklassifikati bħala CMR għal liema d-Direttiva 94/60/KE ma kenitx tapplika;

Billi t-tqegħid fis-suq għall-użu mill-pubbliku ġenerali ta' dawn is-CMRs u preparazzjonijiet li fihom is-CMRs għandhom ikunu projbiti wkoll b'ċerti eċċezjonijiet;

Billi r-restrizzjonijiet stabbiliti permezz ta' din id-Direttiva jieħdu f'konsiderazzjoni l-istat kurrenti ta' tagħrif u teknika rigward alternattivi aktar siguri;

Billi din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni tal-Komunità li tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi għall-protezzjoni ta' ħaddiema li hemm fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE ⁽⁶⁾ u fid-Direttivi individwali bbażati fuqhom, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE ⁽⁷⁾;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provduti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-adattament għall-progress tekniku tad-Direttivi dwar it-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE huwa b'dan il-mezz addattat għall-progress tekniku kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw id-disposizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru ta' l-1997 u għandhom jinfurmaw mal-ewwel lill-Kummissjoni bihom. Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mit-30 ta' Ġunju ta' l-1998.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal referenza bħal din għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Frar 1997.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU Nru L 262, tas-27.9.1976, p. 201.⁽²⁾ ĠU Nru L 231, tat-12.9.1996, p. 20.⁽³⁾ ĠU Nru L 398, tat-30.12.1989, p. 24.⁽⁴⁾ ĠU Nru L 137, tat-30.5.1990, p. 31.⁽⁵⁾ ĠU Nru L 365, tal-31.12.1994, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU Nru L 183, tad-29.6.1989, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU Nru L 196, tas-26.7.1990, p. 1.

L-ANNEX

Punti 29, 30 u 31 ta' dan l-Anness huma sostitwiti b'li ġej:

“29. Is-sustanzi li jidhru fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE ikklassifikati bħala kategorija karċinoġenika 1 jew kategorija karċinoġenika 2 u mmarkati għallinqas bħala ‘Tossiċi (T)’ bi frażi ta’ riskju R45: ‘Jistgħu jġibu l-kanċer’ jew bi frażi ta’ riskju R49: ‘Jistgħu jġibu l-kanċer permezz ta’ teħid ‘il ġewwa tan-nifs’, u elenkati kif ġej:

Kategorija karċinoġenika 1: Ara l-Lista 1 fl-Appendiċi.

Kategorija karċinoġenika 2: Ara l-Lista 2 fl-Appendiċi.

30. Sustanzi li jidhru fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE ikklassifikati bħala kategorija mutaġenika 1 jew kategorija mutaġenika 2 u mmarkati bi frażi ta’ riskju R46: ‘Jistgħu jikkaġunaw ħsara ġenetika ereditarja’, u elenkati kif hawn inniżżel:

Kategorija mutaġenika 1: Ara l-Lista 3 fl-Appendiċi.

Kategorija mutaġenika 2: Ara l-Lista 4 fl-Appendiċi.

Mingħajr preġudizzju għall-punti l-oħra ta’ l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE:

Ma jistgħux jintużaw f’sustanzi u preparazzjonijiet impoġġija fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali f’konċentrazzjoni individwali ugwali għal jew ikbar minn:

— jew il-konċentrazzjoni speċifikata fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE (¹), jew

— il-konċentrazzjoni speċifikata fil-punt 6, Lista VI, ta’ l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 88/379/KEE (²), fejn ma jidher l-ebda limitu ta’ konċentrazzjoni fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE.

Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni ta’ disposizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il- klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-immarkar ta’ sustanzi u preparazzjonijiet, l-imballaġġ ta’ sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn għandu jiġi mmarkat b’mod li jinqara u li ma jitħassarx kif hawn inniżżel:

‘Ristrett għal utenti professjonali. Attenzjoni – Evita l-espożizzjoni – ikseb struzzjonijiet speċjali qabel ma tużahom’.

Permezz ta’ deroga, din id-disposizzjoni ma għandiex tapplika għal:

(a) prodotti mediċinali jew veterinarji kif definiti permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 65/65/KEE (³);

(b) prodotti kosmetiċi kif definiti permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE (⁴);

(c) fuwil tal-makni li huma koperti permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 85/210/KEE (⁵),

— fuwil tal-makni li huma koperti permezz tad-Direttiva 85/210/KEE(5) prodotti taż-żejt minerali intenzjonati għall-użu bħala fuwil f’impjanti ta’ proċess ta’ ħruq mobbli jew fissi,

— fuwils mibjugħin f’sistemi magħluqa (eż. fliexken tal-gass likwidu);

(d) żebgħa ta’ l-artisti koperta permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 88/379/KEE (⁶).

Mingħajr preġudizzju għall-punti l-oħra ta’ l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE:

Ma jistgħux jintużaw f’sustanzi u fi preparazzjonijiet impoġġija fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali f’konċentrazzjoni individwali ugwali għal jew ikbar minn:

— jew il-konċentrazzjoni speċifikata fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE, jew

— il-konċentrazzjoni speċifikata fil-punt 6, Lista VI, ta’ l-Anness I għad-Direttiva 88/379/KEE, fejn ma jidher l-ebda limitu ta’ konċentrazzjoni fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE.

Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni ta’ disposizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il- klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-immarkar ta’ sustanzi u preparazzjonijiet, l-imballaġġ ta’ sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn għandu jiġi mmarkat b’mod li jinqara u li ma jitħassarx kif hawn inniżżel:

‘Ristrett għal utenti professjonali. Attenzjoni – Evita l-espożizzjoni – ikseb struzzjonijiet speċjali qabel ma tużah’.

Permezz ta’ deroga, din id-disposizzjoni ma għandiex tapplika għal:

(a) prodotti mediċinali jew veterinarji kif definiti permezz tad-Direttiva 65/65/KEE;

(b) prodotti kosmetiċi kif definiti permezz tad-Direttiva 76/768/KEE;

<p>31. Sustanzi li jidhru fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE ikklassifikati bħala tossiċi għall-kategorija ta' riproduzzjoni 1 jew tossiċi għall-kategorija ta' riproduzzjoni 2 u mmarkati bi frażi ta' riskju R60: 'Jistgħu jdgħajfu il-fertilità' u/jew R61: 'Jistgħu jagħmlu ħsara lit-tarbija fil-guġ', u elenkati kif segwenti:</p> <p>Tossiċi għall-kategorija ta' riproduzzjoni 1: Ara l-Lista 5 fl-Appendiċi.</p> <p>Tossiċi għall-kategorija ta' riproduzzjoni 2: Ara l-Lista 6 fl-Appendiċi.</p>	<p>(ċ) fuwil tal-makni li huma koperti permezz tad-Direttiva 85/210/KEE(5),</p> <ul style="list-style-type: none"> — prodotti taż-żejt minerali maħsuba għall-użu bħala fuwil fimpjanti ta' proċess ta' ħruq mobbli jew fissi, — fuwils mibjugħin f'sistemi magħluqa (eż. fliexken tal-gass likwidu); <p>(d) żebgħa ta' l-artisti koperta permezz tad-Direttiva 88/379/KEE.</p> <p>Mingħajr preġudizzju għall-punti l-oħra ta' l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE</p> <p>Ma jistgħux jintużaw f'sustanzi u fi preparazzjonijiet impoġġija fis-suq għall-pubbliku ġenerali f'konċentrazzjoni individwali ugwali għal jew iktar minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — jew il-konċentrazzjoni speċifikata fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE, jew — il-konċentrazzjoni speċifikata f'punt 6, Lista VI, ta' l-Anness I għad-Direttiva 88/379/KEE fejn ma hemm l-ebda limitu ta' konċentrazzjoni fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE. <p>Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-immarkar ta' sustanzi u preparazzjonijiet, l-imballaġġ ta' sustanzi bħal dawn għandu jkun immarkat b'mod li jinqara u li ma jitħassarx, kif geġ:</p> <p>'Ristrett għal utenti professjonali. Attenzjoni – Evita l-espożizzjoni – ikseb struzzjonijiet speċjali qabel ma tużah'.</p> <p>Permezz ta' deroga, din id-disposizzjoni ma għandiex tapplika għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) prodotti mediċinali jew veterinarji kif definiti permezz tad-Direttiva 65/65/KEE; (b) prodotti kosmetiċi kif definiti permezz tad-Direttiva 76/768/KEE; (ċ) fuwil tal-magni li huma koperti permezz tad-Direttiva 85/210/KEE, <ul style="list-style-type: none"> — prodotti taż-żejt minerali intenzjonati għall-użu bħala fuwil fimpjanti ta' proċess ta' ħruq mobbli jew fissi, — fuwils mibjugħin f'sistemi magħluqa (eż. fliexken tal-gass likwidu); (d) żebgħa ta' l-artisti koperta permezz tad-Direttiva 88/379/KEE
---	--

(¹) ĠU Nru 196, tas-16. 8. 1967, p. 1/67

(²) ĠU Nru L 187, tas-16. 7. 1988, p. 14

(³) ĠU Nru L 22, tad-9. 2. 1965, p. 369/65

(⁴) ĠU Nru L 262, tas-27. 9. 1976, p. 169

(⁵) ĠU Nru L 96, tat-3. 4. 1985, p. 25

(⁶) ĠU Nru 187, tas-16.7.1988, p. 14"